**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Magistrat Dr Grazio Mercieca LL.D.

Seduta mizmuma llum 17 ta' Jannar, 2018

Avviż Numru: 117/2017 GM

Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 1001/17 fl-ismijiet:

Ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma
Vs
Paul Cassar ID 101161M

Il-Qorti,

5Rat ir-rikors ta' Paul Cassar fejn espona umilment:
"Illi r-rikorrenti gie notifikat bl-ittra ufficjali de quo fejn intalab ihallas is-somma ta' €3833.73 allegatament rapprezentanti arretrati tad-drittijiet tal-licenzja SP1146 ghal swimming pool fil-fond 46, Benvenio, Triq il-Markis Scicluna, Madliena, u dan a tenur tal-Artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ili dawn l-allegati arretrati jirrisalu lura gha-sena 2002;

Illi l-esponenti jissottometti illi s-somma reklamata jew parti minnha hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.;

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti u fid-dawl tal-provi li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qieghed ai termini tal-Artikolu 466(2) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jopponi t-talba kif dedotta mill-mittenti u umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-istess talba bhala wahda infondata, salv ghal kull provediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi."

Rat ir-risposta tar-Regolatur għas-servizzi tal-Enerġija u l-Ilma fejn ecepixxa bir-rispett:

"illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:
Illi preliminarjament ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli ghall-kawza odjerna;

Illi preliminarjament wkoll, ir-Regolatur jirrileva li minhabba l-fatt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ta' natura preliminari, jekk ir-rikorrenti qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, sta ghalih li jressaq il-provi f'dan ir-rigward.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kreditu pretiz mir-Regolatur jirrizulta mir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Swimming Pools (LS545.07), fejn hemm stipulat d-drittijiet ta' licenzja ghandhom jithallsu skond il-ligi.

Illi l-ammont rikjamat mir-Regolatur intimat huwa ammont dovut mill-istess rikorrenti u dana ai termini ta' dak li tipprovdi l-ligi senjatament l-Artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti d-dritt lir-Regolatur li jipprocedi billi jibghat ittra ufficjali sabiex *jigbor kull ammont dovu lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi….. ghal dritt ta' xi licenzja'.* Illi fil-kaz odjern, il-licenzja mjertu ta' din il-kawza hija wahda relatata mal-hlas tal-arretrati ta' drittijiet tal-licenzja SP 1146 – ghas-swimming pool fil-fond 46, Benvenio Triq il-Markis Scicluna, Madliena, SWQ1415, mis-sena 2002 sas-sena 2017, u ta' penali ghal pagament tardiv rigward l-istess ai termini tal-kapitolu 244 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-legislazzjoni sussidjarja 545.07.

Illi r-regolatur esponenti, wara li interpella lir-rikorrent diversi drabi, ipproceda bl-imsemmija ittra ufficjali ai termini ta' dak li l-ligi titlob u talab lill-intimat sabiex ihallas dak li hu dovut minnu. Illi minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, ir-rikorrent qatt ma nforma bl-ebda mod lir-Regolatur illi l-ammont ma kienx dovut. Illi r-Regolatur jikkonferma l-korrispondenza li fil-fatt kien hemm, u jirriserva li jipprezenta kull dokumentazzjoni ohra fil-mori tat-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra u b'riserva li jekk ikun il-kaz ir-rikorrent jigi deferit ghal-gurament decisorju kif hemm provdut fl-artikolu 2160 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi rilevat li l-procedura li esegwa r-Regolatur esponenti hija wahda li permezz taghha r-Regolatur esponenti:

i. Ghandha effett daqs li kieku hi gudikat tal-Qorti kompetenti;
ii. Hi wahdfa legittima li saret ai termini ta' dak li jitlob l-istess artikolu;
iii. Ma hem l-ebda bazi li fuqha t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha billi r-rikorrenti ma ghandu ebda bazi legali li fuqha jista jikkontesta t-talba tar-Regolatur esponenti;

Ghaldaqstant ir-Regolatur esponenti umilment jissottometti li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jiu michuda bl-ispejjez kontrih."

Rat li fis-seduta tallum il-partijiet irrimettew ruħhom għall-ġudizzju ta' din il-Qorti b'dan illi r-rikorrent żamm ferm l-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-kreditu pretiż jirriżulta dovut limitatament għall-perjodu ta' żmien li mhux suġġett għall-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' in parte t-talba tar-rikorrent billi tiddikjara li mis-somma ta' €3,833.73 mhix dovuta s-somma ta' €1,916.87 li hija kolpita bil-perjodu suġġett għall-preskrizzjoni estintiva. Għal kull bwon fini tiddikjara li hija dovuta s-somma ta' €1,916.87. Spejjez nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Mag.